MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1522/1998/1

**Nazzareno Calleja**

**vs**

**George u Miriam konjugi Borg**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi l-konvenuti konjugi Borg huma debituri a favur tal-attur fis-somma ta' elf mitejn u ghoxrin lira maltija (Lm1222) inkluzi l-imghaxijiet gia dekorsi u dana kif jirrizulta minn skrittura privata datata 15 ta' April 1993 hawn annessa markata Dokument A;

L-konvenuti baqghu ma hallsux dan id-debitu nonostante li gew interpellati jaghmlu dan ghal diversi drabi nkluz permess ta’ ittra ufficjali datata 26 ta’ Gunju 1998;

L-attur ghalhekk talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m`ghandiex tikkundannhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1222 dovuta minnhom kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' ittra ufficjali datata 15 ta' April 1998 u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talba ta' l-attur hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap.16);

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjrazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Gunju 1999 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti ddikjaraw li qed jirtiraw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat l-affidavits tal-konvenuti u tax-xhud minnhom prodott;

Semghet lill-konvenut in kontro-esami u lill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat :-

Fic-citazzjoni l-attur jghamel referenza ghal skrittura privata datata 15 ta' April 1993, liema skrittura giet esibita f'dawn il-proceduri bhala Dokument A, u minn fejn jirrizulta li l-konvenut George Borg kien ikkostitwixxa ruhu bhala cert u veru debitur tal-attur fis-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin lira maltija (Lm872) bilanc ta' somma akbar naxxenti minn kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima tat-18 ta' April 1991;

L-attur jippretendi li, in forza tal-imsemmija skrittura, l-konvenuti konjugi Borg huma debituri tieghu fis-somma ta' elf mitejn u ghoxrin lira maltija (Lm1222) inkluzi l-imghaxijiet dekorsi sad-data tal-presentata tac-citazzjoni u dana peress li huma ma hallsu xejn mid-data tal-istess skrittura;

Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-imsemmija somma ta' Lm1222 bl-imghaxxijiet legali dovuti;

Da parti taghhom il-konvenuti, fl-ewwel lok, qed jeccepixxu li t-talba ta' l-attur hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap.16). Jeccepixxu ukoll li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Fil-kors tas-seduta tal-4 ta' Gunju 1999 il-konvenuti rtiraw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u b'hekk fadal biss li tigi esaminata t-talba tal-attur fid-dawl tal-eccezzjoni li l-istess talba hi nfondata;

Il-konvenut George Borg jghid li d-dejn originali kien prezz ta' eriegh li huwa kien akkwista minnghand l-attur. L-istess konvenut jghid li huwa hallas il-maggior parti tas-somma indikata fl-imsemmija skrittura privata u fadallu biss ihallas ammont zghir ta’ circa tletin lira Maltija (Lm30). Huwa jghid li hallas billi kien ikkonsenja lill-attur tlett eriegh. Il-konvenut jiddeskrivi f’certu dettal iz-zewg okkazzjonijiet li fihom huwa kkonsejna l-imsemmija tlett bejjem lill-attur. Huwa jghid ukoll li ftiehem mal-attur dwar il-valur ta dawn il-bejjem u ftiehem ukoll li dan il-valur kellu jitnaqqas mill-imsemmi ammont ta’ Lm872;

F’dan kollu il-konvenut huwa sostanzjalment korroborat minn martu l-konvenuta l-ohra u mix-xhud Charles Calleja, li jigi bin l-attur;

L-attur isostni li mid-data tal-imsemmija skrittura sad-data tal-presentata tac-citazzjoni l-konvenuti ma hallsu xejn u lanqas ma kienu tawh xi ghoggiela jew xi eriegh. L-attur jammetti li l-konvenuti kienu fil-fatt tawh ghoggiela u eriegh kif qalu l-istess konvenuti, pero', skond l-istess attur, dan kien qabel ma saret l-imsemmija skrittura privata. L-attur jammetti ukoll li dam biex beda dawn il-proceduri pero dan kien dovut ghal fatt li dejjem ittama li l-konvenuti kienu ser ihallsuh. L-attur isostni li l-valur tal-bejjem li semma l-konvenut kien dahal fil-konteggi li kienu saru qabel ma giet iffirmata l-iskrittura privata;

In vista ta dawn ir-risultanzi l-attur ma rnexxilux jipprova, fil-grad rikjest, it-talbiet tieghu. In effett ma jirrizultax b’mod definittiv li il-konvenuti kkonsenjaw l-annimali in kwestjoni lill-attur qabel id-data tal-iskrittura. Lanqas ma jirrizulta sufficjentement li l-valur ta’ dawn l-annimali kien gie kkonsidrat meta saru l-konteggi li wasslu ghall-istess skrittura. L-attur ma tax raguni konvincenti ghala huwa dam biex beda proceduri kontra l-konvenuti;

Minn naha l-ohra il-konvenut iddikjara li huwa hallas il-maggior parti tas-somma indikata fl-imsemmija skrittura privata u fadal biss bilanc f’ammont zghir. Huwa ddeskriva b’mod dettaljat il-konsenji tal-annimali in kwestjoni, liema konsenji skond l-istess konvenut graw wara li giet iffirmata

l-iskrittura privata. Dak li qal il-konvenut gie korroborat anche minn terzi;

Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet tal-attur ma jistghux jigu akkolti. L-ammont li jista ghadu dovut u zghir u ghandha tapplika l-massima li de minimis non curat praetor;

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------